**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Concrete Mix Limited

*versus*

Paul Psaila

**Proċedura Sommarja Speċjali - Proċedura bil-Giljottina - Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili - Ir-Rit Antik**

*Il-konvenut appellat espona illi huwa rċeva ċitazzjoni bil-proċedura sommarja speċjali hekk imsejħa "bil-giljottina" sabiex jidher l-għada meta huwa assolutament ma setax għaliex kellu mpenji ta' gravità u riskju ta' ċerta portata ekonomika.*

*L-artikoli 167/170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kien ġew emendati bl-Att numru XXIV ta' l-1995 biex jassiguraw illi l-konvenut kellu jiġi mħarrek biex jidher mhux aktar kmieni minn ħmistax-il jum min-notifika ta' l-att taċ-ċitazzjoni. Li ovvjament ifisser illi l-konvenut imħarrek f'din il-proċedura kellu jingħata minimu ta' żmien ta' ħmistax-il jum biex ikun jista' jipprepara d-difiża tiegħu u jikkontesta t-talbiet attriċi.*

*Huwa minnu illi dik l-emenda daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru, 1996 u allura xi xhur wara li kienet ġiet deċiża l-kawża taħt eżami. Dan ifisser illi l-proċediment li qed jiġi eżaminat kien għadu qed jiġi rregolat bil-liġi kif kienet qabel ma ġiet emendata. Liġi li kienet ferm aktar ristrettiva ta' l-opportunità tal-konvenut iċċitat b'din il-proċedura biex jiddefendi ruħu tant illi l-artikolu 169 kien allura jipprovdi illi l-att taċ-ċitazzjoni kellu jiġi notifikat fuq il-konvenut fi żmien jumejn tax-xogħol u li dan seta' jiġi ordnat jidher quddiem il-Qorti minn jum għal ieħor u f'kull każ mhux*

*anqas minn jumejn oħra tax-xogħol mid-data tan-notifika jekk il-konvenut ikun jirrisjedi fil-Gżira ta' Malta.*

*Issa, skond l-artikolu 103 tal-Kap. 12, anke kif kien allura, fil-għadd taż-żmien, il-ġurnata tingħad ta' 24 siegħa, liema zmien kellu jitiqes li jagħlaq il-ġurnata ta' wara fis-siegħa stabbilita għall-għeluq tar-Reġistru. Dan ifisser illi meta l-artikolu 169, kif kien allura, jiddisponi illi l-konvenut seta' jiġi ordnat jidher il-Qorti minn jum għall-ieħor, il-liġi żgur kienet qed tagħti rimedju minimu ta' jum sħiħ lill-konvenut biex jidher. Jum li skond l-artikolu 103 kellu jkun ta' 24 siegħa li kien jagħlaq, fil-każ taħt eżami, sal-ħin ta' l-egħluq tar-Reġistru tal-Qorti, fil-jum ta' wara n-notifika ta' l-att taċ-ċitazzjoni. Il-kelma "jum" kellha u għandha konnotazzjoni ġuridika preċiża u kellha tiġi nterpretata skond kif il-liġi tal-proċedura tiddisponi. Fil-każ taħt eżami hu ppruvat bil-fatti u anke mhux ikkontestat illi l-konvenut ingħata biss ftit sigħat bejn il-ħin meta ġie nnotifikat bl-att taċ-ċitazzjoni u l-ħin meta hu kien ordnat biex jidher quddiem il-Qorti. Dan iż-żmien ma kienx jissodisfa l-vot tal-liġi kif kienet allura u ċertament kien wisq anqas jissodisfa l-ispirtu tal-liġi fid-dawl ta' l-emendi ta' l-Att XXIV ta' l-1995 għall-provvedimenti li jirregolaw din il-proċedura speċjali li kienu diġà ġew approvati mil-leġislatur imma kienu għadhom ma ġewx fis-seħħ.*

*Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ta' l-Appell annullat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u rrimettiet lura l-atti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.*

Il-Qorti:-

Fil-31 ta' Mejju, 1996, il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, tat is-segwenti sentenza f'kawża promossa mill-attur bil-proċedura speċjali hekk imsejħa tal-giljottina fit-termini ta' l-artikolu 167 - 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12;

"Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjoni neċessarja u mogħtija *l-provvedimenti* opportuni;

Premess illi l-konvenut huwa debitur *tas-soċjetà attriċi fl*-ammont ta' elfejn, mitejn u erbatax-il lira Maltija u sitta u tletin ċenteżmi (Lm2,214.36), bilanċ *minn somma akbar, skond statement* anness immarkat dokument A, rappreżentanti prezz ta' kwantità ta' *concrete mix* mibjugħ u kkonsenjat *mis-soċjetà* attriċi fuq inkarigu tal-konvenut;

Premess illi, nonostante diversi talbiet għall-ħlas, inklużi permezz ta' ittra legali ddatata 5 ta' Frar, 1995, u ittra uffiċjali ddatata 26 ta' Frar, 1996, il-konvenut baqa' inadempjenti u ma ħallasx;

Premess illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi *ai termini* ta' l-artikolu 167 u 170 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili li l-istanti qed jannetti ma' dan l-affidavit immarkat bħala dokument B;

Talab li din il-Qorti għar-raġunijiet *premessi:*

Tipproċedi għas-sentenza skond *it-talba ta' l-istanti* b'dispensa ta' smigħ tal-kawża *ai termini* ta' l-artikoli 167 - 170 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili;

Tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' elfejn, mitejn u erbatax-il lira Maltija u sitta u tletin ċenteżmi (Lm2,214.36) bilanċ minn somma akbar, skond *statement* hawn anness immarkat dokument A, rappreżentanti prezz ta' kwantità ta' *concrete mix* mibjugħ u kkonsenjat mis-soċjetà attriċi fuq inkarigu tal-konvenut;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra legali ddatata 5 ta' Frar, 1996, u ta' l-ittra uffiċjali ddatata 26 ta' Frar, 1996, u bl-imgħax legali mid-data tal-konensja sa l-effettiv pagament kontra l-konvenut;

Rat l-affidavit tas-soċjetà attriċi u d-dokumenti l-oħra;

Rat li l-konvenut debitament innotifikat *fiż-żmien preskritt* mil-liġi baqa' kontumaċi u fis-seduta ta' llum imsejjaħ tliet darbiet lanqas ma deher;

Semgħet ix-xhieda prodotta mis-soċjetà attriċi;

Peress li fiċ-ċirkostanzi t-talba kif dedotta fiċ-ċitazzjoni tidher ġustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tingħata llum stess, bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża, skond il-proċedura ta' l-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Tiddeċidi billi tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi, kif dedotta fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenut";

Il-konvenut appella minn din is-sentenza u l-ilment tiegħu hu prinċipalment wieħed proċedurali fis-sens illi hu ma kienx ingħata l-opportunità adegwata biex jipprepara d-difiża tiegħu. Hu jissottometti illi l-att taċ-ċitazzjoni u l-avviż għas-smigħ twasslulu fid-dar tiegħu lejliet il-kawża għal ħabta tat-3.00 p.m. waqt li hu kien irritorna d-dar mix-xogħol fis-sebgħa ta' filgħaxija. Jissottometti ukoll illi peress illi l-għada meta kellha tinstema' l-kawża huwa kellu appuntament biex tal-barriera jipprovdilu l-ġebel fuq il-lant tax-xogħol tiegħu, bħala bennej, liema appuntament huwa ma setax ma jattendix għalih, kien assolutament impossibbli li hu jattendi l-Qorti skond kif dirett li jagħmel. Jissottometti illi ż-żmien effettiv li ngħata biex iħejji

d-difiża tiegħu kien biss ta' erbatax-il siegħa u dak iż-żmien ma kellux l-opportunità illi jagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex hu jkun personalment preżenti biex jikkontesta t-talbiet attriċi kif ordnat jagħmel mill-Qorti;

L-aggravju ta' l-appellant hu ukoll inkwadrat fil-provvedimenti tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward tad-dritt fondamentali tas-smigħ xieraq. Din il-Qorti però jidhrilha li mhux il-każ illi tinoltra ruħha f'dibattitu fuq dan l-aspett ta' l-aggravju una volta jirriżulta kif ser jingħad illi l-liġi ordinarja tagħti rimedju adegwat għal-lanjanza ta' l-appellant biex proprju tassigura li anke fir-rigward tal-proċedura hekk imsejħa tal-giljottina, jiġu osservati d-dettami bażilari li jassiguraw is-smigħ xieraq. Infatti, l-artikoli 167/170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kienu ġew emendati bl-Att XXIV ta' l-1995 biex jassiguraw illi l-konvenut kellu jiġi mħarrek biex jidher mhux aktar kmieni minn ħmistax-il jum min-notifika ta' l-att taċ-ċitazzjoni li ovvjament ifisser illi l-konvenut imħarrek f'din il-proċedura kellu jingħata minimu ta' żmien ta' ħmistax-il jum biex ikun jista' jipprepara d-difiża tiegħu u jikkontesta t-talbiet attriċi;

Huwa minnu illi dik l-emenda daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru, 1996, u allura xi xhur wara li kienet ġiet deċiża l-kawża taħt eżami. Dan ifisser illi l-proċediment li qed jiġi eżaminat kien għadu qed jiġi rregolat bil-liġi kif kienet qabel ma ġiet emendata. Liġi li kienet ferm aktar restrittiva ta' l-opportunità tal-konvenut iċċitat b'din il-proċedura biex jiddefendi ruħu tant illi l-artikolu 169 kien allura jipprovdi illi l-att taċ-ċitazzjoni kellu jiġi nnotifikat fuq il-konvenut fi żmien jumejn tax-xogħol u li dan seta' jiġi ordnat jidher quddiem il-Qorti minn jum għal ieħor u f'kull każ mhux anqas minn jumejn oħra tax-xogħol mid-data tan-notifika jekk il-konvenut ikun jirrisjedi fil-Gżira ta' Malta;

Issa skond l-artikolu 103 tal-Kap. 12, anke kif kien allura, fl-għadd taż-żmien, il-ġurnata tingħad ta' 24 siegħa, liema żmien kellu jitqies li jagħlaq il-ġurnata ta' wara *fis-siegħa* stabbilita għall-għeluq tar-Reġistru. Dan ifisser illi meta l-artikolu 169, kif kien allura, *jiddisponi illi* l-konvenut *seta' jiġi* ordnat jidher il-*Qorti minn* jum għall-ieħor, il-liġi żgur kienet qed tagħti rimedju minimu ta' jum sħiħ lill-konvenut biex jidher. Jum li skond l-*artikolu* 103 kellu jkun ta' 24 siegħa li kien jagħlaq, fil-każ taħt eżami sal-ħin ta' l-egħluq tar-Reġistru tal-Qorti, fil-jum ta' wara n-notifika ta' l-att *taċ-ċitazzjoni*. Il-kelma "jum" kellha u għandha konnotazzjoni ġuridika preċiża u kellha *tiġi nterpretata skond kif il-liġi tal-proċedura tiddisponi*. Fil-każ taħt *eżami* hu ppruvat bil-fatti u anke mhux ikkontestat illi l-konvenut ingħata biss ftit siegħat bejn il-ħin meta ġie nnotifikat bl-att taċ-ċitazz*joni u l-ħin* meta hu kien ordnat biex jidher quddiem il-Qorti. Dan iż-żmien ma kienx jissodisfa l-vot tal-liġi kif kienet allura u ċertament kien wisq *anqas jissodisfa* l-ispirtu tal-liġi fid-dawl ta' l-emendi ta' l-Att XXIV ta' l-1995 għall-provvedimenti li *jirregolaw din il-proċedura speċjali li kienu diġà* ġew approvati mil-leġislatur imma kienu għadhom ma ġewx fis-seħħ;

Dan kollu apparti, din il-Qorti eżaminat ukoll il-provi *dawr in-nuqqas* tal-konvenut *li jidher meta ġie hekk ordnat li* jagħmel *mill*-Qorti. Mix-xhieda tiegħu din il-Qorti hi sodisfatta illi l-konvenut sab ruħu fi predikament mhux tas-soltu u mhux *la* kemm jiġi ssorvolat *bla* preġudizzju ekonomiku rilevanti. Din il-Qorti mhix b'daqshekk qiegħda tiġġustifika lil min leġġerment jinjora l-ordnijiet perentorji *tal-Qrati però* jidhrilha li f'dan il-każ ma jokkorrux dawk iċ-ċirkostanzi gravużi ta' *kontumaċja u jimmeritaw* l-*applikazzjoni kontra* l-*konvenut tar-rigur tas-sanzjonijiet* li l-liġi ġustament timponi fuq min kappriċċożament jiddisprezza l-awtorità tal-Qorti;

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi milqugħ u s-sentenza

appellata ddikjarata *nulla* u bla effett fil-liġi. L-atti qed jiġu rimessi lill-Ewwel Qorti biex din tkompli tisma' l-kawża bil-proċedura ordinarja skond kif prevvist fil-Kapitolu 12 *kif issa* emendat. Xieraq illi f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż ta' dan l-appell jibqgħu *bla taxxa* bejn il-kontendenti.